# Ġużeppi Refalo

• *Soċju, Superjur, Servjent Ġenerali u Reġġent tal-M.U.S.E.U.M.*
• *Jiftaħ stamperija u legatorija fil-Qasam tal-MUSEUM Ħaż-Żabbar*

Illum xtaqt infakkarkom f'persuna li ħabbet ħafna lil Ħaż-Żabbar u ż-żgħażagħ Żabbarin. Dan hu Ġużeppi Refalo Għawdxi li fl-1947 ġie magħżul sabiex jiftaħ stamperija u legatorija fil-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. Ħaż-Żabbar f'numru 55, Triq il-Kbira.

Ġużeppi twieled Għawdex fit-2 ta' Marzu 1913 ġewwa n-Nadur iżda kien residenti fix-Xagħra it-triq il-Bullar. Ġużeppi nkorpora soċju tal-M.U.S.E.U.M. fl-1932. Minn età żgħira, għal xi żmien, Ġużeppi kien jaħdem ma' zijuh Għawdex stess, iżda meta kellu madwar għoxrin sena, ħtieġlu li jiġi Malta sabiex ifittex xogħol aħjar. Dan kien swielu ħafna sagrifiċċji peress li ma kienx faċli tivvjaġġa u tħalli darek. Beda jaħdem Malta billi jqassam faxxikli; l-iktar reliġjużi u rumanzi. Dan ix-xogħol kien ġegħlu jdur kull rokna ta' Malta u b'hekk sar magħruf ħafna.

Fl-1937 wera x-xewqa li jidħol mas-soċi interni tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żebbuġ Malta fejn kienu joqogħdu rġiel f'komunità waħda bit-tmexxija ta' dak li jissejjaħ Reġġent. Ġużeppi bħala soċju, kien jgħallem id-duttrina f'diversi oqsma li kienu ftit dak iż-żmien, iżda bejn l-1939 u l-1940 sar ukoll Superjur tal-Qassam ta' Ħ'Attard. Matul il-gwerra Ġużeppi kien baqa' jaħdem fl-istess għaqda ta' soċi interni f'Ħaż-Żebbuġ. Mal-interni kien ferħan ħafna u sar akar ferħan meta s-soċi interni laqgħu magħhom lill-fundatur tas-Soċjetà u tal-interni stess Dun Ġorġ Preca illum San Ġroġ Preca.

F'April tal-1947, intgħażel bħala servjent ġenerali tas-soċi interni, fejn f'dik is-sena kien ġie wkoll Ħaż-Żabbar fejn għallem ħafna żgħażagħ Żabbarin fosthom lili. Dawn iż-żgħażagħ li kien jgħallem, li llum ħafna minnhom huma anzjani u oħrajn mgħadhomx magħna, kemm 'il darba sabilhom ix-xogħol hu stess, peress li kien sar magħruf ħafna man-negozjanti l-aktar ta' dawk li kienu jmexxu stamperiji żgħar fil-Belt Valletta.

Ġużeppi kien jieħu ħafna paċenzja jgħallimna l-kaxxa ta' tipi żgħar li kienu jikkonsistu f'kaxxi żgħar maħdumin tal-injam daqs kaxxi tas-sulfarini imwaħħlin ma' xulxin bl-ittri mill-A saż-Ż f'kaxxi differenti. Kien jgħallimna wkoll nillegaw il-kotba, dejjem kollox bl-idejn. Biex inwaħħlu konna nużaw kolla tal-mastrudaxxa billi nsaħħnu fuq spiritiera bi ftila waħda. Meta kien jarana li tgħallimna sewwa, kien jagħtina xogħol żgħir bħal sunetti tal-festa, inviti u santi li konna nikkomponu tipa tipa u l-forma tad-daqs li jixtieq il-klijent. Konna nagħmlu posters kbar ta' metru u aktar tal-festi fejn konna nistampawhom ukoll bl-idejn.

Ġużeppi kien strett ħafna għar-regola u permezz t'hekk tgħallimna ngħidu l-arloġġ mużewmin bl-amment għax kien jgħidu l-ġurnata kollha. Kellu ħafna għal qalbu l-missjonijiet fejn filfatt kien jagħmel ħafna karità. F'Diċembru tal-1962, is-soċi interni minn Ħaż-Żebbuġ ġarrew għall-"Istitut Sagra Familja" Ħaż-Żabbar sabiex titwettaq ix-xewqa tal-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Zarb sabiex l-interni jmexxu stamperija u b'hekk ikun jista' jiġbor sabiex jitgħallmu s-sengħa żgħażagħ foqra u ta' mingħajr ġenituri iżda jiddispjaċieni ngħid li din ix-xewqa ma seħħet qatt sallum.

Dak iż-żmien, Ġużeppi Refalo kien laħaq Reġġent għal ftit żmien. Fl-1966 mietu l-ġenituri tiegħu u għalhekk kellu jirritorna Għawdex wara dak iż-żmien kollu sabiex jieħu ħsieb oħtu li kienet marida u lili ġieli ħadni miegħu. Ġużeppi Refalo miet malajr fil-post fejn illum hemm il-Bank HSBC Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar 1988 u dan qiegħed midfun fiċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar. Grazzi Ġużeppi u itlob għalina.

***Anthony Schembri***

*'Il quddiem rrid nagħtikom l-istorja tal-interni f'Ħaż-Żabbar mill-1947 sal-2008. Għalhekk nixtieq li min għandu xi materjal marbut mal-interni, li jien ma nafx bih, napprezza jekk tgħadduli l-informazzjoni. Grazzi.*